MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' April, 2010

Numru 895/1999

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT RAYMOND D'ANASTAS**

**KONTRA**

**JESMOND SCHEMBRI ta' 36 sena, iben George u Carnen nee' Cassar, imwieled Tal-Pieta' nhar it-22.10.1973, residenti fil-fond Malgradon, Triq E B Vella, Mosta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 531 273M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **JESMOND SCHEMBRI** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-04.08.1999 ghall-habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' fil-ghodu, gewwa l-Casino de Malta sitwat fi

Dragonara Road, San Giljan, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u dan meta kkaguna hsara u/jew kisser digital operator console fl-imsemmi Casino u dan ghad-dannu ta' Dragonara Casino, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt Lira Maltin, pero hija izjed minn hamsin lira Maltin;

2. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, hebb kontra l-persuna ta' Elizabeth Pace minn San Giljan sabiex jingurjaha, idejjaqha, jew jaghmlilha hsara.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll illi l-imputat ma kellux oggezzjoni ghall-istess proceduri;

Rat ukoll illi fi stadju ta' interrogatorju wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu - dan pero inbidel aktar tard fi stadju matur tal-proceduri, meta l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel akkuza u ecepixxa l-preskrizzjoni trimestrali fuq it-tieni akkuza.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mill-ezami ta' l-atti jirrizulta b'mod inekwivoku li kien l-imputat li kkaguna l-hsara lilu mputata.

Mix-xhieda ta' certu John Bonello, in rapprezentanza tad-Dragonara Casino, il-hsara imsemmija tammonta ghal Lm360.18 ekwivalenti ghal €838.99, vide Dok JB a folio 92**.**

Regghet semghet ukoll lil Bonello li kien dak l-ammont li l-Casino kien qieghed jippretendi ghas-saldu.

Ghaldaqstant, qieghda tillibera lil Jesmond Schembri mit-tieni akkuza, in vista' tal-fatt illi l-akkuza hija preskritta,

tqisu hati ta' l-ewwel akkuza, u dan wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Dwar il-piena, rat il-fedina penali tieghu, u tikkundannah, stante l-vjolenza wzata, ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sena (1), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 28H ta' l-imsemmi Kapitolu, u tordna lil Jesmond Schembri fi zmien sitt (6) xhur mill-lum ihallas lil Dragonara Casino s-somma ta' €838.99, hawn fuq gia stabbilita bhala dik tad-danni minnu kkagunati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------